# KUNSILL LOKALI – L-IMQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**

**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru sebgħa u sebgħin (77) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 5 ta' Lulju, 2011, fis-7:00pm fil-Bini Muniċipali tal-Imqabba.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

Il-Kunsill skuża l-assenza tad-deputat sindku.

1. Is-sindku ippresjeda l-laqgha u qal it-talba.

2. Infetħu l-kwotazzjonijiet fejn tlabna dwar *ICT Changeover* u *Electrical Changeover* tal-uffiċċju muniċipali; tat-trasport lejn Għawdex kumplimentat bl-ikel; u dik għal xiri ta' *PC /Notebook*, eċċ. Għal dan il-ftuħ ta' kwotazzjonijiet kien hemm preżenti l-kunsillieri wkoll.

3. Is-sindku qal li fil-jumejn li ġejjin se jagħlaq il-perjodu li l-KLM ta bħala żmien permezz tad-*default notice* li ħareġ lill-kumpanija *Asfaltar Ltd* biex tkompli bix-xogħol ta' kisi mill-ġdid ta' toroq fir-raħal. Hu qal li għada, 6 ta' Lulju 2011, għandu laqgħa mal-kuntrattur. Hija l-intenzjoni tagħna li jinqabdu (jinfetħu) toroq /sqaqien illi anke jekk sal-festa ta' Santa Marija mhux se jkunu magħluqa, dawn mhux se jkunu ta' ostaklu għall-andament tal-festa (marċi, purċissjoni).

4. Is-sindku avża lill-kunsillieri sabiex josservaw it-*time frame* mogħtija minn Mersia Mackay sabiex l-artikli tal-ħarġa li jmiss tal-fuljett ikunu għandna ħalli dan ikun stampat fil-ħin.

5. B'riferenza għall-i*staff meeting* tat-28 ta' Ġunju 2011, li l-minuti tagħhom kienu mgħoddija lil kull kunsillier mis-segretarju eżekuttiv, l-istess segretarju eżekuttiv qal illi erġajna installajna is-*SAGE Pastel* (*account package*) fis-sistema l-ġdida. Din kienet mixtrija wara li tħassar il-kompjuter tiegħu. Issa fuq xewqet is-sindku, Valerie Galea wkoll għandha r-*rights* li tarahom u anke iżżid u tnaqqas l-entraturi (mingħajr *password*) minn fuq il-*computer* tas-segretarju eżekuttiv - għaliex l-*accounts package* li kien inxtara kien *single user*. Dan minkejja li ħadd mill-iskrivani m'huma qed jgħinu lis-segretarju eżekuttiv fl-entraturi tal-*accounts*. Is-sindku qal li l-iskop hu illi jekk is-segretarju eżekuttiv ma jkunx preżenti, tal-inqas Valerie Galea tilloggja biex l-istess *accounts* ikun jista' jaħdem fuqhom l-*accountant*. Is-segretarju eżekuttiv qal illi minkejja l-ħsara li kellna, ma tlifna xejn mill-*accounts* però ninsabu xahar b'lura għaliex hemm imdaħħla sa' nofs April.

6. Is-sindku qal li matul il-ġimgħa li ġejja hu ttamat li se niltaqgħu mas-Sur Kevin Zahra ta' *Transport Malta (TM)* biex naraw jekk hemmx problemi minħabba d-devjazzjoni tat-traffiku fi żmien il-ġranet tal-festa. Dan għaliex fl-ewwel jiem li beda jaħdem is-servizz bil-kuntrattur il-ġdid tat-trasport pubbliku *Arriva*, kien hemm diversi dewmien fuq l-i*stages* u għidut illi kull devjazzjoni tista' twassal biex min ikun qed jissuġġeriha, jħallas għaliha. Dan wara l-każ ta' Triq Bisazza tas-Sliema li kienet inawgurata bħala *pedestrian zone* mill-gvern ċentrali, filwaqt illi din ma kienetx fil-kuntratt iffirmat bejn il-gvern u *Arriva* biex it-trasport jiġi devjat għal *Tigne*. Hawn intqal mis-segretarju eżekuttiv illi kien innutat li fir-raħal tagħna, x-xarabanks tal-*Arriva* għaddew saħansitra minn Triq Santa Katerina filwaqt li suppost dawn jew jgħaddu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija jew minn Triq il-Madonna tal-Ġilju. Dwar id-devjazzjoni fil-festi, is-sindku qal illi jinħtieġ li Triq il-Madonna tal-Ġilju tingħalaq sa mill-ewwel tridu, peress

li jkun armat kuljum in-nar tal-art, filwaqt li lejlet u nhar il-festa, it-trasport pubbliku jinħtieġ illi jgħaddi miż-Żurrieq għaliex se jsibu ostakli biex ikunu jistgħu jgħaddu minn Triqi l-Konvoj ta' Santa Marija mill-4:00pm 'l hemm.

7. Dwar l-attività proposta minn *Dogtrust Malta*, il-KLM bagħat it-tagħrif kollu pubbliċitarju lill-istess aġenzija u s'issa għad m'għandna l-ebda *feedback* lura.

8. Is-segretarju eżekuttiv sab il-formula addattata minn fuq is-sit elettroniku tal-*MEPA* biex il-KLM ikun jista' jipproċedi u jaqla' s-siġra tal-ħarrub mis-*central strip* ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija li kienu ħawwlu n-nies stess mingħajr il-kunsens tal-awtoritajiet, u issa qed nibżgħu illi peress li din mhix siġra addattata għall-abitat, se tkun qed tagħmel ħsara fuq il-wiċċ tat-triq u l-infrastruttura ta' taħt it-triq. Il-formula ta' applikazzjoni qiegħda għall-firma tas-sindku u se tintbgħat lill-*MEPA*.

9. Kien deċiż illi għall-festa ta' Santa Marija, il-KLM javża permezz tal-fuljett, fil-paġna tal-avviżi b'kull tibdil fir-rotta tat-trasport pubbliku sabiex in-nies tkun infurmata b'dan. Il-KLM iddeċieda li jinawgura l-premju Ġieh l-Imqabba 2011. Dan se jagħmlu billi jiftaħ in-nominazzjonijiet fl-istess ħarġa tal-fuljett sabiex kull min ikun interessat, jaħseb kmieni għall-formularju. Dan is-suġġett se jkun diskuss fil-laqgħa li ġejja sabiex ir-regolamenti jkunu irfinati aktar u l-proċess tal-għażla jkun wieħed dinjituż. Hawn il-kunsillieri enfasizzaw illi jekk persuna ma tintgħażilx din is-sena, tista' liberament terġa' tiġi nominata fis-snin ta' wara. Sadanittant is-segretarju eżekuttiv se jibgħat ir-regolamenti lill-kunsillieri ħalli jilħqu jarawhom sal-laqgħa li jmiss.

10. Il-KLM jħoss li ġaladarba ma ltaqax għal *drink* mal-kumitat tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju, ser isir l-istess mas-Soċjetà Santa Marija. Saret diskussjoni li kull sena kienet qed tonqos l-attendenza mill-membri tal-kumitati peress li jkunu fuq xogħol tal-armar minn ħafna ġranet qabel, għalhekk ser tiġi diskussa aktar 'il quddiem magħhom stess. Għaldaqstant bħala ospitalità se nistiednu biss lill-bandisti biex jingħataw *drink* fil-marċ ta' nhar il-festa filgħodu jew l-aħħar tridu. Intant se jsiru l-arranġamenti sabiex isir bukkett fjuri quddiem l-istatwa, jinkrew il-*mobile toilets*, jiġu mqabbda l-gwardjani lokali, kif ukoll jingħata *token* lill-kumitat fil-programm annwali tal-festa.

11. Dwar il-ġimgħa Mqabbija, din is-sena se namalgamaw kollox: l-attività 'L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien' kif ukoll l-attivitajiet fuq medda ta' ġimgħa sħiħa li jibdew mill-Ħadd ta' qabel. Dan minbarra l-assemblea lokali li se mmexxuha għal Jannar 2012 biex issir taħt tinda fil-pjazza li possibilment se tieħu s-sura tal-laqgħa ġenerali annwali. Is-sindku qal illi bħala parti mill-attivitajiet se norganizzaw wirja, nerġgħu nagħqqdu banda waħda komposta minn bandisti miż-żewġ każini tal-banda, narmaw id-dwal tat-toroq, kif ukoll niċċekkjaw dwar *backdrop* kbira fil-Pjazza tal-Knisja meħuda minn fuq ritratti antiki possibilment li se jkunu mislufa lilna mill-Kunsillier Nicholas Briffa. Dwar din il-*backdrop*, l-ikbar spiża hu antiċipat li jkun l-i*scaffolding* li se jkun armat warajha, għalkemm is-sindku qal li nsibu *sponsor* għalih. Għat-tfal se jkun organizzat ukoll il-*quiz* fl-Iskola Primarja tal-Imqabba.

12. Is-sindku informa lill-KLM illi se nerġgħu norganizzaw korsijiet tal-*Karate* bil-parteċipazzjoni ta' Brian Agius kif kien diġà qed jorganizzahom fil-passat. Hu qal illi l-għalliem se jġib tapit mill-ġdid għaliex dak li kien juża kien spiċċa u ntrema. Id-dati tentattivi se jkunu nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa bejn il-5.30pm u d-9.00pm. Madankollu il-KLM qabel illi biex nevitaw it-tgergir, innaqqsu l-ħin sat-8.00pm fix-xitwa. Intant, Grace Marie Mallia qalet illi tixtieq li jsiru arranġamenti fil-korsijiet tal-kompjuter. Dan għaliex hija tħoss illi tifla żgħira mhux possibbli tifhem in-noti tal-għalliem. Għaldaqstant hija ssuġġeriet illi tfal żgħar ikunu għalihom u jsirulhom noti addattati għalihom biex jieħdu dak kollu possibbli mil-kors. Is-sindku qal illi hu ttamat illi f'Ottubru 2011 se jibda l-kors tan-nutriment filwaqt li avża illi din il-ġimgħa stess beda l-kors tal-kitarra. Se jsir tentattiv sabiex jibda l-kors tal-adulti kif ukoll il-

*Basic Art Course I & II* mis-7 ta' Awwissu 2011 u it-22 ta' Awwissu 2011 rispettivament. Imbgħad f'Ottubru 2011 se jibdew ukoll il-kors tal-ganutell u dak tal-monasteru.

13. Is-sindku qal li rċevejna ittra ta' awguri mill-Ambaxxatur Irlandiż minħabba li kien magħna għall-Festa tal-Madonna tal-Ġilju. Hu qal li jinsab sodisfatt illi dak li seħħ fil-festa kien apprezzat minn persuni distinti.

14. Is-sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Imqabba tħallas tat-trinka li saret fil-Pjazza tal-Knisja minn *GO plc* kif ukoll dik tal-Korporazzjoni Enemalta fuq xogħol ta' *reinstatement* fit-toroq ta' Ċavi u Kileb.

15. Propju dalgħodu ġie uffiċjal li jirrapprezenta lil *Latina Pictures* li ppropona kuntratt li ffirmah diġà s-segretarju eżekuttiv fejn dawn wiegħduna €750 talli se jkunu qed jiffilmjaw fl-inħawi ta' Triq it-Torri Vinċenti, L-Imqabba.

16. Kienet approvata ċ-ċedola tal-pagamenti numru 417.

17. Is-sindku qal li *GO plc* għandhom l-intenzjoni li jżidu diversi *cabinets* fit-toroq biex itejbu is-sistema tat-telefon. Waħda minnhom se ssir fis-*service road* fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Intant is-segretarju eżekuttiv qal li l-akbar problema li nħolqot wara li kien reġistrat l-ilment, kien fuq dik ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju għaliex sid id-dar ma tixtieqx *cabinet* kbir ieħor wara darha. Hija kienet taf b'dan kollu wara li tħaffret toqba kbira fuq il-bankina ftit tal-jiem ilu. Nicholas Briffa qal illi l-*cabinet* l-ieħor li se jkun installat fl-inħawi ta' Ġnien Mikelanġ Sapiano jista' jkun li se joħloq problemi għaliex dan se jkun poġġut fuq il-mejn tal-ilma li ilu difettuż għal snin sħaħ aktarx bl-ilma jnixxi minnu u per konsegwenza l-familji għandhom pressa baxxa.

18. Paul Spiteri irrapporta ħsara tal-ilma fi Triq Ħal Kirkop, L-Imqabba li kienet injorata mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għal dawn l-aħħar ħmistax-il ġurnata bl-ilma jinħela għaliex ħiereġ barra. Hawn is-segretarju eżekuttiv semma l-ħsara tal-ilma fi Triq ix-Xriek kantuniera ma' Triq il-Mitħna li għadhom kemm jinksew bit-tarmak mill-kuntrattur tal-KLM, *Asfaltar Ltd.*

19. Nicholas Briffa semma każ fejn sid ta' stabbiliment fir-raħal kien imġġhiel iħallas prezz għoli tal-*package* lill-*MEPA*, lill-*GRTU* u lill-kumpanija *Green MT* għaliex importa żewġ kaxxi tal-kartun minn Sqallija. Hu talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex jinkiseb aktar tagħrif dwar din it-taxxa.

20. Il-laqgħa ntemmet fid-9.30pm u dik li jmiss se tinżamm nhar it-Tnejn 18 ta' Lulju 2011. Is-sindku talab lis-segretarju eżekuttiv sabiex jibgħatha bil-*calendar* lill-kunsillieri kollha mal-ewwel ċans li jkollu.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*18 /07 /2011 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |